MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCICLUNA DAVID

Seduta ta' 11 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 994/1999/1

Data-Byte Computer Services Limited
Vs
Anthony Sive Mario Anthony Vella, f'ishmu propju u f'isem, ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Travellers Lodge Co. Ltd; u Mary mart l-istess Mario Anthony Vella ghal kull interess li jista' jkollha.

Illum, 11 ta' Ottubru 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-30 ta' April 1999 li permezz taghha s-socjeta attrici wara li ppremettiet:

Illi hija kredittrici tal-konvenuti, fil-kwalita' taghhom premessa, fl-ammont ta' elf tliet mija u sitta w hamsin lira u ammont akbar rappresentanti l-prezz ta' *computer ware* mibjugh u konsenjat lilhom, u kif ukoll il-prezz ta' servizz ta' *maintenance* lilhom provdut kif pattwit (Dok "A" sa "Q");

Illi l-konvenuti naqsu li jhallsu l-ammont minnhom dovut minkejja li kienu interpellati diversi drabi, anke permezz ta' ittra ufficjali;

Talbet li din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1356.64 rappresentanti l-bilanc tal-prezz tal-bejgh u tal-ghoti tas-servizz fuq imsemmi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Lulju 1997, u tal-Mandat ta' Qbid kontestwalment presentat, oltre ghall-imghaxijiet legali fuq l-imsemmi ammont mid-data tal-konsenja sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti, ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn qalu:

1. Illi l-pretensjonijiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda u dan stante li preliminarjament li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha u kien hazin;

2. Illi s-sistema komputarizzata li giet installata lill-konvenut pro et noe ma kienitx adegwata u kienet intiza ghall-aparthotels meta fil-fatt il-konvenut noe ried sistema ghall-lukanda;

3. Illi x-xoghol ta' istallazzjoni ma sarx skond l-arti u s-sengha u s-socjeta attrici naqset milli tforni s-*software* originali lill-konvenut pro et noe;

4. Illi l-konvenut noe sofra danni minhabba dan ix-xoghol hazin u kellu jibdel is-sistema a spejjez tieghu u kontestwalment qed jirriserva kull dritt u azzjoni kompetenti lilu skond il-ligi;

5 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:

Permezz ta’ din il-kawza s-socjeta’ attrici qed titlob minghand il-konvenuti s-somma ta’ Lm1356.64 bhala bilanc ta’ prezz ta’ *computerware* u servizz ta’ manutenzjoni. Min-naha l-ohra l-konvenuti fl-eccezzjonijiet taghhom qeghdin isostnu li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti, li s-sistema stallata ma kenitx adegwata ghal lukanda, li s-socjeta’ attrici ma fornietx *software* originali, u li l-konvenut nomine sofra danni peress li kellu jibdel is-sistema.

Jinghad mill-ewwel li l-konvenut ma resqux provi in sostenn ta’ l-eccezzjonijiet taghhom. Ghall-kuntrarju tali allegazzjonijiet gew ribattuti minn Joseph Ross. *managing director* tas-socjeta’ attrici, fl-affidavit tieghu.

Dan ix-xhud qal li s-socjeta’ attrici kienet giet avvicinata mill-konvenut ghal stima *hardware* u *software* biex ikun jista’ jmexxi l-lukanda Travellers’ Lodge li kienet ser tiftah xhur wara. Is-socjeta’ attrici ma tipprovdix *hardware* izda l-konvenut xtaq li jiehdu hsieb anke l-*hardware* u jtuh soluzzjoni kompleta. Dan kien arrangament li s-socjeta’ attrici kienet diga’ ghamlet ma klijenti ohra. Ghalhekk ordnaw il-*hardware* minghand l-Intercomp u meta dan wasal, l-Intercomp talbuhom minghand il-propjetarji tat-Travellers Lodge *customs exemption order* biex ikunu jistghu jtellghu x-xoghol *duty free* skond kif il-konvenut kien qal li kellu dritt ghalih. Din ma gietx prodotta u ghalhekk bi ftehim mal-konvenut is-socjeta’ attrici halset id-dwana li gie invojsjat lill-konvenuti wara. Il-*hardware* nxtara ukoll mis-socjeta’ attrici li nvojsjat lill-konvenuti bl-ammont miftiehem. Is-*software* li s-socjeta’ attrici stallat kienet diga’ stallata f’diversi lukandi ohra.

Biex kemm is-socjeta’ attrici kif ukoll il-konvenuti jkunu koperti ghal xi hsara fil-*hardware*, sar *maintenance agreement* mal-Intercomp u kull tliet xhur kienet tohrog

*invoice* lill-konvenuti fuq *hardware maintenance* u ohra ghall-manutenzjoni tas-*software*.

Joseph Ross cahad kategorament li x-xoghol da parti tas-socjeta' attrici kien hazin jew mhux skond is-sengha u l-arti. Hija allegazzjoni li tqajmet biss f'dawn il-proceduri. Difatti fuq il-*hardware* u *software* originali baqa' biss pendenza ta' Lm10 apparti Lm200 dwana fuq il-*hardware* (ara Dok. A, B, C a fol. 5, 6, 7). Il-kumplament tas-somma hija maghmula minn Lm333.50 ghal drittijiet ta' manutenzjoni mhallsa lill-Intercomp (Dok. H, J, L, N, P a fol 12, 14, 16, 18, 20), Lm388.14 ghal drittijiet ta' manutenzjoni tas-*software* (Dok. G, I, K, M, O a fol. 11, 13, 15, 17, 19) u Lm425 ghal xoghol jew fornituri *extra* rikjesti mill-konvenuti (Dok. D, E, F, Q a fol. 8, 9, 10, 21)

Huwa enfasizza li s-sistema stallata giet accettata mill-konvenuti u mhallsa kif spjega u mhuwiex il-kaz li ma gewx provduti b'sistema adegwata. Inoltre s-*software* provdut inkiteb mis-socjeta' attrici u ghalhekk huwa originali.

Biex kemm is-socjeta' attrici kif ukoll il-konvenuti jkunu koperti ghal xi hsara fil-*hardware*, sar *maintenance agreement* mal-Intercomp u kull tliet xhur kienet tohrog *invoice* lill-konvenuti fuq *hardware maintenance* u ohra ghall-manutenzjoni tas-*software.*

Ix-xhieda cara u inekwivoka ta' Joseph Ross ma tinsab kontradetta bl-ebda mod mill-konvenuti li ma pproducewx xhieda in sostenn ta' l-eccezzjonijiet taghhom. Huwa certament kurjuz il-fatt kif l-allegazzjonijiet ta' xoghol hazin tqajjem kwazi seba' snin wara li giet stallata s-sistema. U mill-invoices esibiti rigwardanti l-manutenzjoni tas-sistema, jirrizulta li l-konvenuti gew invojsjati propju ghal manutenzjoni u m'hemm l-ebda indikazzjoni li kien hemm bzonn xi xoghol rlatat ma' hsarat fis-sistema.

F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tqis it-talba attrici gustifikata b'dan illi stante li fl-invoice Dok. Q dwar l-*arnet card* tirrizulta diskrepanza bejn il-figura miktuba bil-linka ta' Lm97.50 bhala t-total ta' l-invoice, u t-total li ghalih

jammonta l-prezz skontat + VAT indikat fl-istess invoice (Lm75.00 + Lm11.25 = Lm86.25), ghandu jitnaqqas mill-ammont pretiz mis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ Lm97.50 – Lm86.25 = Lm11.25. Ghalhekk mill-ammont ta’ Lm1,356.64 irid jitnaqqas l-ammont ta’ Lm11.25 li jhalli bilanc ta’ Lm1,345.39.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attici s-somma ta’ Lm1,345.39 bilanc tal-prezz tal-bejgh u ghoti ta’ servizzi kif indikat, bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF**
**DR. DAVID SCICLUNA**
**D/REGISTRATUR**